Nru. 18,023
Prezz Lm1.60ċ
Price Lm1.60c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 23 ta' Jannar, 2007
Tuesday, 23rd January, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 62

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,019 u 18,021 tas-16 u d-19 ta' Jannar, 2007 rispettivament.

A.L. Nru. 10 ta' l-2007: *Product Safety Act (Act No. V of 2001); Dangerous Substances and Preparations Regulations, 2007.*

A.L. Nru. 11 ta' l-2007: *Plant Quarantine Act (Cap. 433); Seeds of Agricultural Plants and Vegetables (Amendment) Regulations, 2007.*

It-23 ta' Jannar, 2007

GOVERNMENT NOTICES

No. 62

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,019 and 18,021 of the 16th and the 19th January, 2007 respectively.

L.N. No. 10 of 2007: Product Safety Act (Act No. V of 2001); Dangerous Substances and Preparations Regulations, 2007.

L.N. No. 11 of 2007: Plant Quarantine Act (Cap. 433); Seeds of Agricultural Plants and Vegetables (Amendment) Regulations, 2007.

23rd January, 2007

Nru. 63

ĦATRA TA' AĠENT AVUKAT ĠENERALI

BIS-SETGĦAT moghtija bl-Artikolu 91 (1) u bl-Artikolu 124 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, approva l-ħatra ta' Dott. Peter Grech, Deputat Avukat Ġenerali, bħala Aġent Avukat Ġenerali mis-16 sas-17 ta' Jannar 2007, iż-żewġ dati inklużi.

It-23 ta' Jannar, 2007

No. 63

APPOINTMENT OF ACTING ATTORNEY GENERAL

IN exercise of the powers conferred by Article 91 (1) and by Article 124 (5) (a) of the Constitution of Malta, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has approved the appointment of Dr Peter Grech, Deputy Attorney General, to act as Attorney General from 16th to 17th January 2007, both days inclusive.

23rd January, 2007

Nru. 64

ATT TA' L-1994 DWAR L-AMMINISTRAZZJONI TAT-TAXXA

L-Ewwel u t-Tieni Bord ta' Kummissarji Speċjali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 34 ta' l-Att ta' l-1994 dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, il-President ta' Malta ħatar lill-persuni msemmija aktar 'l isfel bħala Kummissarji Speċjali għall-perijodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru 2007:-

1. Lil Dott. Raymond Zammit, LL.D. bħala *Chairman* u lis-Sinjuri Alfred Chetcuti u Marcel Coppini, FCCA, FIA, CPAA bħala Membri ta' l-Ewwel Bord ta' Kummissarji Speċjali kostitwit skond l-Att imsemmi;

2. Lil Dott. John A. Consiglio, Ph.D, M.Phil, MBA, FCIB, Dip.FS Dip. Law & Admin, Dip. Bus Law & Accty, CSA bħala *Chairman* u lis-Sinjuri Francis Bonello, AMIT u Carmel R. Callus bħala Membri tat-Tieni Bord ta' Kummissarji Speċjali kostitwit skond l-Att imsemmi.

It-23 ta' Jannar, 2007

No. 64

INCOME TAX MANAGEMENT ACT, 1994

First and Second Boards of Special Commissioners

IN exercise of the powers conferred by article 34 of the Income Tax Management Act, 1994, the President of Malta has appointed the following persons as Special Commissioners for the period from 1st January to 31st December 2007: -

1. Dr Raymond Zammit, LL.D to be Chairman and Messrs Alfred Chetcuti and Marcel Coppini, FCCA, FIA, CPAA to be Members of the First Board of Special Commissioners constituted under the said Act;

2. Dr John A. Consiglio, Ph.D, M.Phil, MBA, FCIB, Dip.FS Dip. Law & Admin, Dip. Bus Law & Accty, CSA to be Chairman and Messrs Francis Bonello, AMIT and Carmel R. Callus to be Members of the Second Board of Special Commissioners constituted under the said Act.

23rd January, 2007

Nru. 65

IL-PRIM MINISTRU U MINISTRU TAL-FINANZI JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., reġa' daħal għal dmirijietu ta' Prim Ministru u l-Ministru tal-Finanzi nhar il-Ħamis, it-18 ta' Jannar, 2007 u l-arranġamenti magħmulin bin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 48 tas-17 ta' Jannar, 2007 ma baqgħux iseħħu f'dan is-sens.

It-18 ta' Jannar, 2007
(OPM 31/2007)

No. 65

RESUMPTION OF DUTIES BY THE PRIME MINISTER AND MINISTER OF FINANCE

IT is notified for general information that the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P., resumed duties as Prime Minister and Minister of Finance on Thursday, 18th January, 2007 and that the arrangements made by Government Notice No. 48 of the 17th January, 2007, ceased to have effect accordingly.

18th January, 2007

Nru. 66

BORD DWAR ID-DFIN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Ministru tas-Saħħa, l-Anzjani u Kura fil-Komunità għoġbu japprova illi ċ-*Chairperson*, il-Membru u s-Segretarja tal-Bord dwar id-Dfin, maħtur skond Kapitolu 17, Taqsima 9 (3), ikun kostitwit kif ġej sal-31 ta' Diċembru 2007.

Chairperson
Dott. Malcolm P. Micallef, M.D.

No. 66

BURIALS BOARD

IT is notified for general information that the Minister of Health, the Elderly and Community Care has been pleased to approve that the Chairperson, Member, and the Secretary of The Burials Board, appointed in terms of Chapter 17, Part 9 (3), be constituted as follows up to 31st December 2007.

Chairperson
Dr Malcolm P. Micallef, M.D.

Membru
Ir-Rev. Mons Carmel Zammit, B.A., Lic.D., J.C.L.

Segretarju
Ms Charmaine Sammut

It-18 ta' Jannar, 2007
MHCEFA/PS/49/97
DH 586/97

Member
Rev. Mgr Carmel Zammit, B.A., Lic.D., J.C.L.

Secretary
Ms Charmaine Sammut

18th January, 2007

Nru. 67

IL-KUNSILL MALTI GĦALL-ARTIĠJANAT

Laqgħa Ġenerali Annwali għall-Artiġjani u l-Imprendituri Rreġistrati mal-Kunsill

SKOND id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 22 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att ta' l-2000 dwar il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat (Kap. 421), is-Segretarju jgħarraf li sejra ssir laqgħa ġenerali annwali għall-Artiġjani u għall-Imprendituri kollha rreġistrati mal-Kunsill kif jidher hawn taħt:-

It-Tnejn, 29 ta' Jannar 2007 fil-5.30 p.m. fis-Sala ta' isfel ta' Robert Samut Centre, il-Furjana.

It-23 ta' Jannar, 2007

No. 67

MALTA CRAFTS COUNCIL

Annual General Meeting for Craftsmen and Entrepreneurs registered with the Council

In terms of the provisions of paragraph 22 of the Schedule of the Malta Crafts Council Act, 2000 (Cap. 421), the Secretary notifies that the Annual General Meeting for all the Craftsmen and Entrepreneurs registered with the Council shall be held as follows:

Monday, 29th January 2007, at 5.30 p.m. at the Basement Hall at Robert Samut Centre, Floriana.

23rd January, 2007

Nru. 68

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni Nutarili nnominat lin-Nutar Dottor John Spiteri, LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-Atti tan-Nutar Dottor Tonio Cachia, LL.D., sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer mit-22 ta' Diċembru, 2006 sat-12 ta' Jannar, 2007.

Illum, 16 ta' Jannar, 2007.

Christine Micallef
Għar-Reġistratur
Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

No. 68

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

It is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by Section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr. John Spiteri, LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr. Tonio Cachia, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 22nd December, 2006 till the 12th January, 2007.

This, 16th day of January, 2007.

Christine Micallef
F/Registrar
Court of Revision Of Notarial Acts

Nru. 69

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 69

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal liċenza bħala Gwardjani Lokali
Application for licence of a Local Warden

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Odette Atkins	36879 (M)	8, Francis Flats, Triq Bishop Caruana, Msida

Applikazzjoni għal liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of Private Guards

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Hani Hassouna Abdulaziz Al Girbi	30465 (A)	141, "Nathalie", Triq il-Mensija, San Ġwann
Alfred Attard	82960(M)	12, "Adelaide", Triq is-Silla, Marsaskala
Ivan Briffa	177482 (M)	8, "Lacarm", Triq il-Langasa, Sqaq Numru 2, Mqabba
Mario Farrugia	410078 (M)	145, Triq Patri G. Spiteri Fremond, Qormi
Janice Zahra	533888 (M)	40, Triq Santa Margerita, Siġġiewi
Christian Azzopardi	32184 (G)	70, "Shangri-La", Triq il-Qolla, Żebbuġ
Charles Farrugia	154476 (M)	Ent. 34, Flat 5, Sqaq Brittaniku Numru 2, Tarxien
Antoinette Borg	190183 (M)	2, Sqaq Xintill Numru 1, Tarxien
Mark Spiteri	451769 (M)	32, Triq San Rafel, Qormi
Joseph Plant	386474 (M)	63, "St. Rita", Triq il-Vitorja, Qormi
Louis Scerri	81261 (M)	81, "Sweet Home", Triq il-Hortan, Marsaskala
Christopher Gatt	564664 (M)	21, Triq il-Forn, Lija

Bjorn Dalli	78287 (M)	8, Triq il-Knisja, Għaxaq
Lawrence Mifsud	414071 (M)	"Evergreen", Flat 2, Triq Ħadd in-Nies, Żabbar
Leonard Vella	409485 (M)	"Arcadia", Triq is-Sejjieħ, Swieqi
Joseph Sciberras Balbi	432765 (M)	67, Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara
Rudvic Carabott	476576 (M)	"Drago", Triq ix-Xerriek, Marsaxlokk
Christopher Marchett	349990 (M)	18, "Doniana", Flat 1, Triq Ċensu Busuttil, Fgura
Adrian Mintoff	168584 (M)	Blokk I, Flat 3, Triq il-Venerabbli Nazju Falzon, Birkirkara
Henry Galea	101256 (M)	66, "Eliziana", Triq tal-Gurgier, Birżebbuġa
Simona Camilleri	427365 (M)	"Tweety", Flat 1A, Triq il-Mosta, San Pawl il-Baħar

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarjatagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-23 ta' Jannar, 2007

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

23rd January, 2007

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 5

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali 94/97, it-triq imsemmija hawn taħt se tkun meqjusa bħala Żona ta' Rmonk fid-data u l-ħinijiet indikati.

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-triq imsemmija hawn taħt fid-data u l-ħinijiet indikati.

San Ġiljan

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Jannar 2007 bejn id-9.00 a.m. u s-1.00 p.m. minn Pjazza Qalb ta' Ġesu.

Ma jitħalliex isir ipparkjar fit-triq imsemmija hawn fuq.

Vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż, ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Jannar, 2007

POLICE NOTICE

No. 5

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Legal Notice 94/97, the street listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated on the date and times hereunder.

In virtue of section 52 (1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the street mentioned hereunder will be suspended or deviated on the date and times indicated.

St Julians

On Sunday, 28th January 2007 between 9.00 a.m. and 1.00 p.m. through Pjazza Qalb ta' Ġesu.

No parking will be allowed on the above mentioned street.

Vehicles found in contravention of this notice, are liable to be towed.

23rd January, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 3 ta' l-2007

Surveys Marittimi fil-Port il-Kbir

Il-baħħara għandhom jinnotaw illi, b'riferenza għall-Avviż lill-Baħħara Nru 2 ta' l-2007 mill-Awtorità Marittima ta' Malta, is-*surveys* marittimi se jsiru minn għaddasa li jkunu assistiti minn dgħajsa biex tgħinhom u li tkun qed ittajjar l-International Code Flag "A".

Minħabba dan ta' hawn fuq il-baħħara għandhom joqogħdu attenti meta jbaħħru qrib l-inħawi msemmija fid-dati stipulati. Għandhom jobdu l-ordnijiet kollha mogħtija mill-Valletta Port Control.

Il-pożizzjonijiet tirreferu għal WGS 84 Datum.

Chart affettwata: BA Chart 177.

It-23 ta' Jannar, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 3 of 2007

Marine Surveys in Grand Harbour

With reference to Notice to Mariners No 2 of 2007 of the Malta Maritime Authority, mariners are to note that the above marine surveys will be carried out by divers who will be assisted by a support boat carrying the International Code Flag "A".

In view of the above mariners are to keep a sharp look out when navigating close to the mentioned areas on the stipulated dates. They are to obey all instructions given out by Valletta Port Control.

Positions referred to WGS 84 Datum.

Chart affected: BA Chart 177.

23rd January, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 4 ta' l-2007

Ħruq ta' Murtali mill-Art ta' max-Xatt taħt iċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi fil-Port il-Kbir

B'konnessjoni mal-festa titulari ta' San Pawl, se jinħarqu murtali mill-art ta' max-xatt taħt iċ-Ċentru Mediterran għall-Konferenzi fil-Port il-Kbir mill-pożizzjoni:

Latitude (T)	*Longitude* (L)
35°54'.018	14°31'.157

Id-dati u l-ħinijiet tal-logħob tan-nar huma kif ġej:

1. Il-Ħamis, 8 ta' Frar 2007 mit-8.00 p.m. sa l-10.00 p.m.
2. Il-Ġimgħa, 9 ta' Frar 2007 mill-10.00 p.m. sal-11.30 p.m.

Il-baħħara għandhom jinnotaw dan imsemmi hawn fuq u jżommu 'l bogħod meta jbaħħru ġewwa jew barra l-Port il-Kbir.

Għandhom jobdu l-ordnijiet mogħtija mill-Valletta Port Control.

Il-pożizzjonijiet jirreferu għal WGS 84 Datum.

Chart affettwata: BA Chart 177.

It-23 ta' Jannar, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 4 of 2007

Fireworks Display from the Foreshore there below the Mediterranean Conference Centre in Grand Harbour

In connection with the Titular feast of St Paul, fireworks display will be let off from the foreshore below the Mediterranean Conference Centre in Grand Harbour from position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35°54'.018	14°31'.157

The dates and times of the fireworks are as follows:

1. Thursday, 8th February 2007 from 8.00 p.m. to 10.00 p.m.
2. Friday, 9th February 2007 from 10.00 p.m. to 11.30 p.m.

Mariners are to note the above and give a wide berth when navigating in or out of Grand Harbour.

They are to obey instructions given out by Valletta Port Control.

Positions referred to WGS 84 Datum.

Chart affected: BA Chart 177.

23rd January, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Project Officer (Schengen Unit)* fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Project Officer (Schengen Unit)* biex jaqdi l-funzjonijiet fid-Direttorat ta' l-Implimentazzjoni ta' Programmi fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

2.1 Il-persuna magħżula tidhol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Project Officer (Schengen Unit)* fid-Direttorat ta' l-Implimentazzjoni ta' Programmi fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Project Officer (Schengen Unit)* matul il-perjodu tal-kuntratt ikollha l-kuntratt tagħha terminat.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjali Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm il-

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Project Officer (Schengen Unit) within the Ministry for Justice and Home Affairs

The Public Service Commission invites applications for the position of Project Officer (Schengen Unit) to perform duties at the Programme Implementation Directorate within the Ministry for Justice and Home Affairs.

2.1 The selected candidate will enter into a three-year contract as Project Officer (Schengen Unit) at the Programme Implementation Directorate within the Ministry for Justice and Home Affairs. Unsatisfactory performance as Project Officer (Schengen Unit) during the contract period will lead to termination of contract.

2.2 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will return to his/her substantive grade on

kuntratt. Fil-każ ta' persuna magħżula li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi terminat il-kuntratt.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u, waqt il-perjodu tal-kuntratt, tiġi maħtura fi grad bi Skala ta' Salarju ogħla minn Skala 10, hija tkun mistennija li tħalli d-doveri ta' *Project Officer (Schengen Unit)* fid-Direttorat ta' l-Implimentazzjoni ta' Programmi u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdida tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 10 permezz ta' progression, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu ta' l-ingaġġ tagħha kif provdut bil-kuntratt fis-seħħ.

3. Is-salarju għall-pożizzjoni ta' *Project Officer (Schengen Unit)* fid-Direttorat ta' l-Implimentazzjoni ta' Programmi fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern huwa ekwivalenti għall-Salarju fi Skala 10 (Lm5,782 fis-sena li jiżdied b'Lm175 kull sena sakemm jilħaq il-massimu ta' Lm6,832 fl-2007). F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4.1 Persuna fil-pożizzjoni ta' *Project Officer (Schengen Unit)* fid-Direttorat ta' l- Implimentazzjoni ta' Programmi fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern ikun/tkun responsabbli biex:

(a) Tiżviluppa jew tipparteċipa fl-iżvilupp ta' proċeduri segretarjali u amministrattivi, prattika u metodoloġiji;

(b) Tipprovdi assistenza segretarjali u amministrattiva fejn meħtieġ lix-*Schengen Project Leader*, partikolarment billi tagħmel telefonati, *photocopying*, tibgħat *faxes*, tifformatja dokumenti u tikkompila *status reports*;

(ċ) Torganizza laqgħat, appuntamenti u tieħu ħsieb il-loġistika f'isem ix-*Schengen Project Leader*;

(d) Tattendi laqgħat ma' jew f'isem ix-*Schengen Project Leader*;

(e) Tipprepara *presentations*, ittri u korrispondenza oħra skond il-ħtieġa;

(f) Tipprepara aġenda u rapporti fil-qosor, tieħu minuti u ssegwi progress dwar deċiżjonijiet meħuda;

(g) Tikkoordina ma' dawk kollha involuti fix-*Schengen Project* skond il-ħtieġa;

(h) Iżżomm sistema ta' *filing* u dokumentazzjoni dwar ix-*Schengen*;

(i) Taġixxi f'isem ix-*Schengen Project Leader* fl-assistenza tiegħu.

termination of contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, his/her employment with the Ministry for Justice and Home Affairs as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of contract.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive appointment in the Malta Public Service, and during the contract period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than the Scale 10, he/she will be required to relinquish the duties of Project Officer (Schengen Unit) at the Programme Implementation Directorate and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Salary Scale 10 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the contract in force.

3. The position of Project Officer (Schengen Unit) at the Programme Implementation Directorate within the Ministry for Justice and Home Affairs carries a salary equivalent to Salary Scale 10 (Lm5,782 rising by annual increments of Lm175 per annum up to a maximum of Lm6,832 in 2007). In the case that a selected applicant is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, the difference between the salary to which he/she is entitled by virtue of hiṡher substantive grade and the salary of this position will be paid as a non-pensionable allowance.

4.1 The Project Officer (Schengen Unit) at the Programme Implementation Directorate within the Ministry for Justice and Home Affairs will be responsible for:

(a) Developing or participating in the development of secretarial and administrative procedures, practices and methodologies;

(b) Providing secretarial and administrative assistance as required to the Schengen Project Leader, in particular making phone calls, photocopying, faxing, formatting of documents and the compilation of status (and other) reports;

(c) Organising meetings, appointments and logistics on behalf of the Schengen Project Leader;

(d) Attending meetings with, or on behalf of, the Schengen Project Leader;

(e) Preparing presentations, letters and other correspondence as directed;

(f) Preparing agenda and relative briefs, taking minutes, monitoring and following up on decisions taken;

(g) Liasing, as and when necessary, with all Schengen-related stakeholders;

(h) Maintaining a Schengen-documentation filing system;

(i) Deputising for the Schengen Project Leader in his absence.

4.2 Il-persuna magħżula tista' tintalab taħdem sigħat flessibbli skond l-esiġenzi tas-servizz.

4.3 Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa tattendi perjodu qasir ta' taħriġ.

5. L-applikanti għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii)ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru ta' l-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Unjoni Ewropea); jew

(iv) ikunu l-konjugi jew tfal, anke jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f(i), (ii), (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġislazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern;

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f' (ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtiega skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġislazzjoni sussidjarja.

(b) ikollhom, jew ġew approvati biex jingħataw, *first degree*, jew kwalifika oħra xierqa u komparabbli.

(ċ) iridu jkunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġà impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola *Service and Leave Record Form (GP 47)*; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-pulizija jew minn awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji).

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skond l-Artikolu 7 ta' l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (2000), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri ta' l-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm

4.2 The selected applicant may have to be flexible in his/her time-table according to the exigencies of the Service.

4.3 The selected applicant may be required to undergo a short period of training.

5. Applicants for the position must:

(a) (i) be citizens of Malta; or

(ii) be citizens of another European Union Member State; or

(iii) be citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) be the spouse or children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs Department, Ministry for Justice and Home Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) be in possession of, or have been approved for the award of, a first degree, or an appropriate, comparable qualification;

c) be able to communicate in the Maltese and English languages;

d) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must provide a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside must provide a Certificate of Conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the

qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skond din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola ta' l-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni ta' l-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw Ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha ta' l-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat min minnhom huwa adatt għal din il-pożizzjoni.

7.2 Ir-riżultat ta' l-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern.

7.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-media lokali.

7.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom isiru fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni; dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

8.2 Hija r-responsabbiltà ta' l-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjarji, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabilità ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qaulifications Recognition Information Centre (MQRIC)* fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Xogħol jew l-awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża ma' l-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni ikunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data ta' l-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to NCPD.

7.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

7.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Ministry for Justice and Home Affairs.

7.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

7.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification at the interview).

8.2 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Youth and Employment or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

9. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

10. Malli tkun ingaġġata, il-persuna magħżula tintrabat bil-kundizzjonijiet, kif aġġornati minn żmien għal żmien, kif hemm stipulat fl-*agreement* li japplika għal dawk l-Uffiċjali Pubbliċi li m'għandhomx/għandhom ħatra sustantiva fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, liema *agreement* jidher f'Appendiċi VIII u IX tal-*Public Service Management Code* rispettivament. Wieħed jista' jara l-*Public Service Management Code* fuq il-*website* tal-*Management and Personnel Office* fl-indirizz:- http://www.mpo.gov.mt.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani tad-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta CMR 02.

12. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li jindika l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern, House of Catalunya, Triq Marsamxett, Valletta CMR 02 sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-16 ta' Frar 2007.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Frar 2007 jistgħu jiġu kkunsidrati, basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern fl-indirizz ta' hawn fuq sa mhux aktar tard minn ġimgħa mid-data ta' l-għeluq, flimkien ma' spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment huwa +356-2124 5392).

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern għal kull applikazzjoni li titwassal sad-Dipartiment.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Tintbagħat riċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet mid-Direttur tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern.

It-23 ta' Jannar, 2007

9. The selected candidate will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

10. On engagement, the selected applicant will be bound by the terms and conditions, as updated from time to time, stipulated in the agreement for public officers not holding/holding a substantive appointment in the Malta Public Service, as applicable, included as Appendices VIII and IX respectively in the Public Service Management Code accessible from the MPO web site at address:- http://www.mpo.gov.mt.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Human Resources Section, Department of Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, House of Catalunya, Marsamxetto Road, Valletta CMR 02.

12. Applications, together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director, Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, House of Catalunya, Marsamxetto Road, Valletta CMR 02 by not later than noon of Friday, 16th February 2007.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 16th February 2007 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director of Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, at the above address by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the Department is +356-2124 5392).

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director of Corporate Services, Ministry for Justice and Home Affairs, within seven (7) days.

23rd January, 2007

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs)* fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs)* fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern. L-uffiċjal li jinħatar fil-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs)* ikun/tkun residenti fi Brussell fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea u jkun/tkun responsabbli għal oqsma ta' interess partikulari fil-fora ta' l-Unjoni Ewropea.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt ta' tliet snin bħala *Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs)* liema kuntratt jista' jiġġedded għal perjodi oħra fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti. F'każ ta' riżultati mhux sodisfaċenti bħala *Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs)* matul il-perjodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2 Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx uffiċjal pubbliku, it-total possibbli tal-perjodu tal-kuntratt ma jistax jeċ ċedi sitt snin u t-tiġdid tal-kuntratt wara l-ewwel tliet snin ta' ngaġġ isir fuq bażi ta' servizz sodisfaċenti bħala *Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs)*. Is-Segratarju Permanenti fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern b'konsultazzjoni mar-Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea jevalwa s-servizz mogħti mit-*Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs)* kienx sodisfaċenti jew le u, f'każ ta' servizz sodisfaċenti jġedded il-kuntratt għal perjodu ieħor ta' tliet snin suġġett għal pakkett ta' rimunerazzjoni li ma teċċedix il-massimu ta' salarju fi Skala 5.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx uffiċjal pubbliku, is-servizz tagħha mal-Gvern jintemm f'każ li ma jiġix imġedded jew jintemm il-kuntratt.

2.4 Jekk il-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku u, matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fi grad mhux fl-istess qasam ta' xogħol bi skala ta salarju ogħla minn Skala 7, jew b'xi mod ieħor tinħatar fi grad ogħla minn skala 5, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs)* u li tkun trasferita għad-doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħha.

2.5 Jekk il-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku u, matul il-perjodu tal-kuntratt, tinħatar fl-istess qasam ta'xogħol fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 7, jew permezz ta' *progression*, il-persuna tilħaq Skala ta' salarju

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs) at the Permanent Representation of Malta to the European Union

The Public Service Commission invites applications for the position of Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs) within the Ministry for Justice and Home Affairs. Officers appointed to the position of Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs) will be stationed in Brussels within the Permanent Representation of Malta to the European Union and will be responsible for particular areas of interest in the European Union Fora.

2.1 The selected candidate will be expected initially to enter into a three-year contract as Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs), which may be renewed thereafter for further periods subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs) during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2 In case the selected candidate is not a public officer, the total possible contractual period may not exceed six years and renewal beyond the first three years of engagement depends on the performance of the Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs). The Permanent Secretary at the Ministry for Justice and Home Affairs in consultation with the Permanent Representative of Malta to the European Union will assess the performance of the Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs) and will authorise, or otherwise, renewal of contract for a further period of three years subject to a remuneration package capped at salary scale 5 maximum.

2.3 If the selected candidate is a public officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of an appointee who is not a Public Officer, his/her service with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.4 If the selected candidate is a public officer and is, during the contract period, appointed to a grade not in the same stream with a Salary Scale higher than Scale 7, or otherwise appointed to a grade higher than scale 5, he/she will be expected to relinquish the duties of Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs) and be transferred to duties pertinent to his/her new grade.

2.5 If the selected candidate is a public officer and is, during the contract period, appointed in the same stream in a grade above scale 7, or through progression attains a scale above the maximum of scale 7 he/she shall be entitled to

ogħla mill-massimu ta' Skala 7 il-persuna tkun intitolata li tibqa' żżomm il-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs)* u, fit-tiġdid tal-kuntratt, li tirċievi l-emolumenti globali ekwivalenti għall-punt/skala tas-salarju sostantiv ġdid li miegħu jiżdied ammont ekwivalenti għal ħmistax fil-mija ta' dawn l-emolumenti globali. Dan il-provvediment speċifikament jeskludi kull *top structure position* b'kuntratt li miegħu jkollu marbut ħlas għall-*performance*. Madankollu, il-pakkett sħiħ li jirċievi l-uffiċjal pubbliku ma jistax ikun ogħla minn żewġ skali ta' salarju fuq l-iskala li dak l-uffiċjal pubbliku jirċievi u li normalment ikun marbut magħha meta jaqdi dmirijietu barra minn Malta u ma tista' fl-ebda każ teċċedi l-massimu ta' Skala 5.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs)* ikun il-massimu ta' skala ta' salarju 7 ta' l-iskali ta' salarji tas-Servizz Pubbliku (Lm8,316 fl-2007). Il-persuna magħżula tirċievi wkoll l-istess pakkett ta' benefiċċji u *allowances* li huwa intitolat għalihom Uffiċ jal Pubbliku fil-grad ta' *Counsellor* fid-*Diplomatic Grades*. F'każ li l-persuna magħżula tkun uffiċjal pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

4. L-ingaġġ bħala *Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs)* huwa fuq bażi *full-time* u l-persuna magħżula tkun residenti fi Brussell.

Deskrizzjoni dettaljata tad-dmirijiet marbuta mal-pożizzjoni ta' *Technical Attaché (Schengen and Asylum Affairs)* hija mehmuża ma' din is-sejħa bħala Appendiċi I.

5. L-applikanti għandhom:

(i) ikunu ċittadini ta' Malta;

(ii) ikollhom livell ta' kompetenza xierqa u għalhekk kwalifikati sabiex jagħtu pariri fl-oqsma ta' speċjalizzazzjoni kif jidhru f'din is-sejħa;

(iii) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern Malti u jagħtu d-dettalji).

